MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-23 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 568/2013

Il-Pulizija

(Spettur Roderick Agius)

vs

**Antoine Gauci**

iben Charles , imwieled Pieta', fl-1 ta' Marzu, 1977, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 149977(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Antoine Gauci quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli fil-lejl ta' bejn id-19 ta' Ottubru, 2013, u l-20 ta' Ottubru, 2023, ghal habta tas-1.30hrs, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubbika kontra PS 772 D Agius, persuna nkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt illi kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skont il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;
2. Talli fl-istess lok, hin, u cirkostanzi, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq PS 772 D Agius, persuna nkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt illi kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb illi jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, m'obdix l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li bil-Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-Ligi;

4. Talli fil-lejl ta' bejn id-19 ta' Ottubru, 2013 u l-20 ta' Ottubru, 2013, ghal habta ta' 23.30hrs, gewwa Paris Flats, fi Triq id-Dielja, Qormi u f'dawn il-Gzejjer, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel xi hsara fil-bieb tal-komun tal-flats liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-dannu ta' Elaine Gauci u/jew persuni ohra;

5. Talli fl-istess lok u hin kien fis-sakra, f'post espost ghall-pubbliku ma kienx f'kondizzjoni li jiehu hsieb lilu nnifsu;

6. Talli fl-istess lok, hin, u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u il-paci pubblika;

7. Talli b'hekk sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

8. Talli b'hekk ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' xahar (1) prigunerija sospiza ghal erba'(4) snin, moghtija mill-Magistrat Dr Francesco Depasquale LL.D., fis-sena 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Dicembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat

l-artikoli 94, 95, 96, 338, 49, 50, u 28A – 'ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn (2). Rat ukoll l-Artikolu 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Qorti skattat ukoll is-sentenza sospiza ta' xahar (1).

Rat ir-rikors tal-appellant Antoine Gauci minnu pprezentat fl-20 ta’ Dicembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza fuq indikati tal-11 ta’ Dicembru, 2013 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura billi tikkonferma l-htija izda taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-piena rigward incident li l-espressjoni bl-Ingliz hu li ‘it grew beyond all proportion’ u certament ma jimmeritax sentejn prigunerija. L-appellant ghandu diversi problemi u certament mhux se jirnexxilu li jeghleb dawn il-problemi l-Habs.

Rat ir-ripsota tal-Avukat Generali

Illi, l-esponent umilment qiegħed jintavola din ir-risposta quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex jirrispondi għall-aggravju mqajjem mill-appellant fir-rikors tal-Appell tiegħu, hawn fuq imsemmi.

Illi, l-aggravju ewlieni tad-difiża huwa speċifikament rigward il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti, fejn l-istess difiża qegħdha tikkontendi li l-appellant setgħa jingħata piena aktar ekwa u ġusta minn dik li effetivament ingħata.

Illi, l-esponent, b’ebda mod ma jista’ jasal biex jikkondividi t-teżi tad-difiża u dan għar-raġunijiet segwenti:

Illi, jirriżulta b’mod ċar li l-piena li nfliġġiet l-Ewwel Onorabbli Qorti tinsab fil-parametri tal-Liġi. Għaldaqstant, ġialadarba tali piena tinkwadra b’mod l-aktar ċar u inekwivoku fil-parametri li tagħti l-Liġi stess, il-Qorti kellha kull setgħa li tinfliġġi din l-istess piena. Huwa prinċipju ormai stabbilit li ladarba l-piena inflitta fuq l-appellant tinsab entro l-limiti dettati mill-Liġi, allura huwa <u>ndesiderabbli</u> li l-Qorti Superjuri tvarja d-diskrezzjoni li kellha l-Ewwel Qorti skont il-Liġi. Dan il-prinċipju kien ukoll kristallizzat fil-każ fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Attard, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta’ Jannar 2006, fejn il-Qorti qalet li –

*"Il-Qorti tal-Appell larament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan tagħmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-liġi għar-reat in eżami, jew tkun xi piena ħarxa wisq jew sproporzjonata għal dak li jkun għamel il-ħati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-liġi."*[1]

Illi, ġialadarba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti kienet fil-limiti li pprefissat il-Liġi, allura din m'għandiex tiġi varjata jew saħansitra mxejna minħabba l-fatt li l-appellant qed iħoss li l-piena hija eċċessiva. F'dan l-istadju wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll il-fedina penali kopjuża ferm tal-appellant, fatt li ttieħed in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, kif ukoll in vista ta' kwalunkwe raġunijiet oħra li jistgħu jirriżultaw fit-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-esponent umilment jitlob li l-appell ta' Antoine Gauci jiġi miċħud u sussegwentement tiġi kkonfermata, fl-intier tagħha, s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet fuq premessi, datata 11 ta' Diċembru 2013.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,
Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogata mill-ewwel Qorti li skont l-appellant ma jimmeritax din il-piena,

Illi fl-ewwel seduta quddiem l-ewwel Qorti l-imputat appellant mal-ewwel ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu mill-prosekuzzjoni. Minbarra dan, l-appellant hu recidiv u kiser sentenza sospiza li giet imposta mill-Qorti tal-Magistrati fit-13 ta' Lulju, 2012.

Illi l-ewwel Qorti ma ghaddiex mill-ewwel biex tippronunzja s-sentenza izda ordnat li jsir 'a pre-sentencing report'. Dan ghamlitu ghalies kienet giet infurmata li l-appellant ghandu problema ta' xorb. Ghaddiet biss ghas-sentenza wara li kellha fil-pussess taghha dan ir-

[1] Sottolinear / Enfasi ta' l-esponent.

rapport u semghet bhala xhud lir-rappresentant tal-organizzazzjoni Sedqa. Danix-xhud spjega lill-ewwel Qorti kif kien jaf lill-appellant u ghamel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu.

Illi kien biss wara dan l-'iter' li l-ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza u erogat il-piena.

Illi din il-Qorti rat ukoll il-fedina penali ta' l-imputat fejn jirrizulta li din mhiex l-ewwel darba li l-appellant kellhu ncidenti simili.

Illi l-piena li mponiet l-ewwel Qorti hi wahda fil-parametri tal-ligi u mhemm xejn xi tghid dwar dan.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Antoine Gauci u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------